**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors  Ġurament Numru 1183/2023DC**

**Wara is-sentenza mgħotija fil-kawża fl-ismijiet**

***Bortex Clothing Industry Company Ltd (C-2371)***

***vs***

***Georgiev PLP Ltd***
***soċjeta' estera reġistrata fil-Bulgarija***
***bin-numru tal-Vat BG202828638 u***
***bl-uffiċju registrat  ġewwa  San Stefano  N47, 5800 Pleven,  Bulgarija***

**Illum,  20 ta'  Frar, 2025**

**Il-Qorti**

Rat **ir-Rikors  Ġuramentat** tas-soċjeta' ritrattandi Georgiev PLP Ltd ippreżentat fit-13 ta' Ottubru, 2023 permezz ta' liema ppremettiet:-

1. *Illi dan huwa rikors ġuramentat b'talba għar-ritrattazzjoni ai termini tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-kawża fl-ismijiet:*

   *BORTEX CLOTHING INDUSTRY COMPANY LTD (C-2371) V IS-SOCJETA ESTERA GEORGIEV PLP LTD REGISTRATA L-BULGARIA BIN-NUMRU TAL-VAT BG205828638 (RIKORS ĠURAMENTAT NRU 1037/2022 AF) deċiża nhar il-21 ta' Frar 2023 mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ("Is-Sentenza").*

*SFOND*

2. *Illi s-soċjeta ritrattandi Georgiev PLP Ltd hija soċjeta, reġistrata ġewwa l-Bulgarija bin-numru tal-VAT BG205828638.*

3. *Illi permezz ta' rikors ġuramentat datat 31 ta' Ottubru 2023, is-soċjeta' ritrattata Bortex Clothing Industry Company Ltd ("Bortex") talbet l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-soċjeta' ritrattandi tħallas l-ammont ta' disgħa u erbgħin elf tliet mija sitta u erbgħin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€49,346.79) allegatament dovuti lilha stante manifattura ta' ħwejjeġ li allegatamenet ma kienux skont is-sengħa u l-arti u/jew skont il-kwalita u l-ispeċifikazzjonijiet pattwiti u sabiex tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *Illi l-Onorabbli Qorti appuntat l-ewwel dehra tal-kawża fis-7 ta' Diċembru 2022 u ordnat sabiex ir-rikors promotur u l-avviż għas-smiegħ jiġu notifikati lill-partijiet, fosthom lis-soċjeta' ritrattandi Georgiev PLP Ltd, li jidher li għal xi raġuni li saret bis-servizz postali (vide l-avviż għas-smiegħ tal-kawża u d-digriet appuntament datati 7 ta' Novembru 2022, hawn anness u mmarkat 'Dok A').*

5. *Illi skont ir-riferta datata 19 ta' Dicembru 2023 hawn annessa u mmarkata 'Dok B', is-soċjeta' esponenti ritrattandi ġiet indikata bħala notifikata bir-rikors promotur u bl-avviż għas-smiegħ fl-14 ta' Dicembru 2022.*

6. *Illi sussegwentement, fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2022, l-Onorabbli Qorti ħalliet il-kawża għan-notifika għall-21 ta' Frar 2023, stante li s-soċjeta' ritrattandi Georgiev PLP kienet għada mhux notifikata. (vide l-verbal tas-7 ta' Diċembru 2022, anness u mmarkat 'Dok. C').*

7. *Illi sussegwentement, u fis-seduta tal-21 ta' Frar 2023, il-Qorti ddikjarat illi "Rat li s-soċjetà intimata debitament notifikata ma nkarigat lil ebda rappreżentant tagħha biex jidher għas-seduta. Lanqas ma ġiet preżentata ebda nota fir-reġistru kif trid il-liġi."*

8. *Illi fil-21 ta' Frar 2023, fl-assenza kompleta tas-soċjeta' ritrattandi Georgiev PLP Ltd, l-Onorabbli Qorti għaddiet sabiex tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ u taghti s-Sentenza taghha, fejn ordnat lis-soċjeta' Georgiev PLP Ltd thallas lil Bortex is-somma ta' disgħa u erbgħin elf tliet mija sitta u erbgħin ewro u disgħa u sebgħin ċentezmu (€49,346.79) u bl-ispejjeż tal-proċeduri kontra l-istess Georgiev PLP Ltd.*

9. *Illi nhar l-14 ta' Lulju 2023, Bortex, tramite l-avukati tagħha ġewwa l-Bulgarija bagħtet rikjesta ta' ħlas lis-soċjeta' rittrattandi Georgiev PLP Ltd, iżda l-istess soċjeta ritrattandi ma ġietx debitament notifikata bl-istess. Illi sussegwentement, fit-23 ta' Awwissu 2023, is-soċjeta ritrattandi Georgiev PLP Ltd ġiet debitament notifikata bir-rikjesta ta' ħlas suriferita, permezz ta' liema rikjesta s-soċjeta ritrattata Bortex informat lis-soċjeta' ritrattandi Georgiev PLP Ltd, illi Bortex kienet ottjeniet sentenza finali mill-Qrati Maltin għall-ammont ta' disgħa u erbgħin elf tliet mija sitta u erbgħin ewro u disgħa u*

*sebgħin ċenteżmu (€49,346.79) bl-imgħax u bl-ispejjeż, Illi permezz ta' din ir-rikjesta, s-soċjeta ritrattandi Georgiev PLP Ltd u d-direttruri tagħha saru jafu bl-eżistenza tas-Sentenza Maltija mertu ta' dawn il-proċeduri odjerni. (vide kopja tar-rikjesta ta' ħlas annessa u mmarkata bħala 'Dok D').*

*Artikolu 811(b) tal-Kap 12*

10. *Illi kif jirriżulta mill-atti tal-kawża de quo (ta' liema ser tiġi rikjesta l-allegazzjoni tagħha fil-mori ta' din il-kawża) l-Onorabbli Qorti tenniet illi s-soċjeta ritrattandi Georgiev PLP Ltd kienet ġiet debitament notifikata.*

11. *Illi pero' jiġi senjalat illi f'dan il-każ partikoli n-notifika saret bis-servizz postali fil-Bulgarija u avolja ma hemm ebda aċċenn għal xi liġi speċifika, jidher preżumibilment illi n-notifika in kwistjoni saret ai termini tal-aritkolu 18 tar-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) ('ir-Regolament').*

12. *Illi preliminarjament, il-ħsieb wara l-introduzzjoni tar-Regolament kien sabiex ikun hemm iżjed efficjenza fl-ambitu tan-notifiki f'proċeduri ċivili u kummerċjali ġenerali u mhux sabiex tali Regolament japplika għall-proċeduri speċjali fosthom l-proċedura tal-giljottina kontemplata fl-artikolu 167 et seq. Inkella, parikolarment fl-ambitu ta' proċeduri delikati bħall-dawk odjerni, hemm riskju kbir li partijiet esteri li jkunu konvenuti f'kawża jsofru preġudizzju qawwi minn sempliċi notifika bis-servizz postali, speċjalment fir-rigward ta' proċeduri li jiġu deċiżi f'seduta waħda bid-dispensa tas-smiegħ.*

13. *Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, nonostante l-fatt li l-kawża kienet appuntata għas-7 ta' Diċembru 2022, ai termini tar-riferta annessa u mmarkata 'Dok B' is-soċjeta ritrattandi ġiet notifikata bir-rikors promotur u bl-avviż għas-smiegħ fl-14 ta' Dicembru 2022, ossia wara d-data tas-smiegħ tal-kawża.*

14. *Illi di piu, s-soċjeta' ritrattandi Georgiev PLP Ltd, ma ġietx sussegwentement notifikata bid-data l-ġdida tas-smiegħ tal-kawża u konsegwentement ma dehritx fis-seduta tal-21 ta' Frar fejn l-Onorabbli Qorti iddeċidiet il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ.*

15. *Illi in vista u mingħajr preġudizzju tas-suespost għandu jirriżulta li s-soċjeta ritrattandi Georgiev PLP Ltd ma ġietx validament notifikata skont il-liġi u dan ai termini tal-artikolu 167(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:*

> *"Fil-każijiet ikkuntemplati f'dan l-artikolu, ir-rikors ġuramentat isir bil-miktub, skont il-formula stabbilita u għandu jkun fih l-ordni lill-konvenut biex jidher quddiem il-qorti fil-jum ufil-ħin li jiġu mogħtija."*

*Illi għaldastantant, l-avviż għas-smiegħ suriferit ma kellux "l-ordni lill-konvenut biex jidher quddiem il-qorti fil-jum u fil-ħin li jiġu mogħtija" u dan stante li l-jum u l-ħin indikat fl-istess avvi għas-smiegħ kien iddekorra.*

16. *Illi inoltre, d-data fl-avviż għas-smiegħ tal-kawża, mhux talli kienet iddekorriet iżda talli kienet miktuba unikament bil-Malti u inoltre, id-digriet primo appuntamento tal-Qorti li tordna n-notifika u d-data tas-smiegħ u tordna l-intimati sabiex jidhru f'dik il-ġurnata u jwieġbu għat-talba tar-rikorrenti u li fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa it-talba tar-rikorrenti, kienet, kif jidher mil-process, bil-Malti biss, mingħajr traduzzjoni f'lingwa li s-soċjeta ritrattandi Georgiev PLP Ltd tista tifhem u dan bi preġudizzju ċar għad-drittijiet tas-soċjeta ritrattandi.*

17. *Illi di piu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-notifika ġiet effetwata bis-servizz postali u dan pjenament in vjolazzoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 169A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:*

> *"Ir-rikors ġuramentat, id-dikjarazzjoni u kull affidavit u nota li ssir miegħu, kif ukoll ordni imsemmi fl-artikoli 168 u 169 għandhom jiġu notifikati minn uffiċjal eżekutur tal-qrati."*

18. *Illi per konsegwenza, lanqas skond il-proċedura taht l-artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12, n-notifika ma tistax titqies li kienet valida stante li f'każż tal-proċeduri sommarji in kwistjoni, n-notifika trid tiġi effetwata minn uffiċjal eżekutur tal-qrati.*

19. *In vista tal-provvedimenti tal-artikolu 169A, għandu jirrizulta b'mod inekwivoku li l-proċedura sommarja kontemplata fl-artikolu 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tikkontempla biss proċeduri ta' natura lokali u per konsegwenza ma tistax tigi adottata fil-konfront ta' socjeta' estera. In vista tan da, għandu jirriżulta kjarament illi ġjaladarba li dawn l-proċeduri ma jistax jintużaw fil-konfront ta' soċjeta estera, konsegwentement għandu jirriżulta li n-notifika m'hijiex valida u hija nulla u bla effett.*

*Regolament (KE) Nru 1896/2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea.*

20. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-fatt, teżisti proċedura Ewropea proprju għal sitwazzjonijiet bħal dawn. Ir-regolament (EC) 1896/2006 (minn issa "Regolament Għal Ordni ta' Hlas Ewropea") jistabilixxi proċedura "li jissimplifika, iħaffef u jnaqqas l-ispejjeż ta' litigazzjoni f'każijiet transkonfinali*

*fir-rigward ta' talbiet mhux kontestati ta' flus permezz tal-ħolqien ta' proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea"*[1].

21. *Illi l-proċedura stabbilita fir-Regolament Ghal Ordni ta' Hlas Ewropea mhijiex biss waħda iktar addattata izda hija diżenjata speċifikament sabiex proċeduri differenti tal-Pajjizi Membri kollha li huma simili għal-proċedura Maltija taht l-artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiġu armonizzati, speċifikament sabiex litigazzjoni transkonfinali tiġi simplifikata.*

22. *Illi fost affarijiet oħra, r-Regolament Għal Ordni ta' Ħlas Ewropea jiżgura illi d-dokumenti relatati mal-kawża jigu notifikati lid-debitur b'mod effettiv permezz ta' formoli standardizzati li huma annessi ma l-istess regolament u li l-infurzar fl-iStat Membru fejn l-ordni għandha tiġi infurzata (fil-każ odjern, fil-Bulgarija) issir fil-lingwa uffiċjali ta' l-imsemmi pajjiż, ċioe bil-Bulgaru. Xejn minn dan ma sar mis-soċjeta' ritrattata, bi preġudizzju assolut tas-soċjeta ritrattandi.*

23. *Illi bl-azzjoni tagħha, s-soċjeta' ritrattata injorat kompletament ir-Regolament Għal Ordni ta' Ħlas Ewropea, li għandu effett dirett f'Malta, u applikat l-proċeduri tal-giljottina li bir-rispett m'għandhomx jintużaw kontra konvenuti esteri.*

24. *Illi minħabba tali nuqqas da parti tas-soċjeta ritrattata, s-soċjeta esponenti ma kellhiex opportunita xierqa sabiex tikkontesta l-ammont allegatament dovut u b'hekk l-Onorabbli Qorti tat sentenza b'applikazzjoni ta' proċedura Maltija meta mit-12 ta' Dicembru tas-sena 2006*[2] *ilha teżisti proċedura speċifika għal litigazzjoni transkonfinali fl-Unjoni Ewropea għal talbiet mhux kontestati.*

25. *Illi in vista tal-premess, fl-umli fehma tal-esponenti jeżistu l-elementi kollha sabiex tirnexxi t-talba ai termini tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 u dan peress illi:*

a. *N-notifika tas-soċjeta ritrattandi hija nulla u bla effett (għaliex kella ssir minn uffiċjal eżekutur tal-qrati u għaliex qatt ma ġiet notifikata bid-data korretta tas-smiegħ tal-kawza) u konsegwentement, s-socjeta rittrattandi qatt ma ġietx validement notifikata skond il-Liġi bir-rikors ġuramentat u l-atti tal-kawża.*

b. *S-soċjeta' ritrattandi filfatti qatt ma dehret fis-smiegħ tal-kawża u dan għaliex ma kienitx validament notifikata bil-proċeduri sottoskritti. Għal kull buon fini, jiġi rilevat illi filwaqt li s-soċjeta ritrattandi ma ġietx debitament notifikata, hija kienet għamlet risposta informali sabiex iġġib certu informazzjoni a konjizzjoni tal-Qorti;*

[1] Artikolu 1(a) tar-regolament (EC) 1896/2006
[2] Id-data meta gie promulgat ir-regolament (EC) 1896/2006

c. *S-soċjeta ritrattandi saret taf bis-sentenza permezz tar-rikjesta ta' ħlas tal-14 ta' Lulju 2023, u kwindi wara li ingħatat s-sentenza u wara t-terminu tal-Appell;*

d. *Ir-rikors ġuramentat kwindi ma kienx ġie debitament notifikat lill-parti telliefa, u l-istess parti telliefa ma dehritx fis-smigħ tal-kawża kif rikjest ai termini tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12:*

e. *Ai termini tal-Artikolu 812 tal-Kap 12, s-soċjeta' esponenti saret taf bis-sentenza wara li għalaq iż-żmien tal-appell, u dan stante illi l-kawza ġiet deċiża fil-21 ta Frar 2023 u s-soċjeta esponenti saret taf bis-sentenza tas-17 ta' Lulju 2023.*

26. *Illi dan kollu kien ta' preġudizzju kbir lis-soċjeta rittrattandi Georgiev PLP Ltd illi ma setgħetx tiddefendi ruħha fil-kawża u li issa qegħda taffaċċja sentenza li għaddiet in ġudikat ġewwa Malta mingħajr l-għarfien tagħha.*

U wara li hekk ippremettiet, is-soċjeta' ritrattandi talbet lil din il-Qorti:-

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi jeżistu raġunijiet biżżejjed għar-ritrattazzjoni tal-kawża mibdija permezz tar-rikors ġuramentat nru 1037/2022 AF fl-ismijiet Bortex Clothing Industry Company Ltd (C-2371) V Is-soċjeta estera Georgiev PLP Ltd reġistrata l-Bulgaria bin-numru tal-VAT BG205828638.*

2. *hassar u tannulla s-Sentenza ta' din l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Frar 2023 fl-ismijiet Bortex Clothing Industry Company Ltd (C-2371) V Is-soċjeta estera Georgiev PLP Ltd reġistrata l-Bulgaria bin-numru tal-VAT BG205828638 (Rikors Ġuramentat nru 1037/2022 AF).*

3. *Tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawża fl-ismijiet premessi sabiex s-soċjeta' esponenti ritrattandi tkun tista tħares d-drittijiet tagħha skond il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kollha, kontra r-ritrattat, minn issa nġunta in subizzjoni.*

Rat **ir-Risposta Ġuramentata** tas-soċjeta' ritrattata ppreżentata fid-19 ta' Diċembru, 2023 permezz ta' liema eċċepixxiet:-

1. *L-azzjoni tas-soċjeta` ritrattandi hija fuori termine billi qed issir iktar minn tliet xhur wara li hija saret taf jew li messha saret taf bis-sentenza mogħtija fil-21 ta' Frar 2023, u dan wara li kienet notifikata bl-atti tal-kawża.*

2. *Bla ħsara għall-premess, fil-mertu, l-ilment tas-soċjeta` ritrattandi kif imsejjes fuq l-artikolu 811(b), japplika biss meta r-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa. F'dan il-każ, is-soċjeta` ritrattandi mhux talli ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat, talli saħansitra wieġbet għalih (b'mod proceduralment monk).*

3. *Mingħajr preġudizzju għall-premess, kwantu għall-ilment tas-soċjeta` ritrattandi li n-notifika ma kinitx waħda "valida" skont il-liġi, filwaqt li l-artikolu 811(b) ma jitkellimx dwar il-validita`o meno tan-notifika, f'kull każ in-notifika saret kif titlob il-liġi.*

4. *Bla ħsara għall-premess, it-talbiet tas-soċjeta` ritrattandi huma għal kollox infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.*

5. *Salv eċċezzjonijiet oħra permessi bil-liġi.*

Semgħet il-provi tal-partijiet u s-sottomissjonijiet orali tala-partijiet.

Rat l-atti proċesswali nkluż in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' din il-kawża qed tintalab ir-ritrattazjoni tal-kawża numru 1037/2022 fl-ismijiet *Bortex Clothing Industry Company Limited vs Georgiev PLP Ltd* deċiża fil-21 ta' Frar tas-sena 2023; it-talba odjerna qed issir ai termini ta' artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili, il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi Georgiev PLP Ltd qed issostni li hija ma ġietx notifikata validament bl-atti tal-kawża u l-avviż tas-smiegħ u li saret taf biss bis-sentenza fis-17 ta' Lulju 2023 meta sar tentattiv sabiex din l-istess sentenza tiġi inforzata.

## IL-PROVI

Ikkunsidrat

Illi l-provi f'din il-kawża jikkonsistu primarjament fil-proċess tal-kawża 1037/2022 fl-ismijiet *Bortex Clothing Industry Company Limited vs Georgiev PLP Ltd*, f'liema kawża ntalab il-ħlas ta' €49,346.79 permezz ta' proċeduri sommarji speċjali ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-proċess tal-kawża hawn fuq imsemmija jirriżulta li:

- Ir-rikors promotur, ġuramentat minn Peter Paul Borg, kif ukoll dikjarazzjoni ġuramentata mill-istess Peter Paul Borg flimkien ma traduzzjoni għall-Ingliż tal-istess, ġew ippreżentati fil-31 t'Ottubru 2022;
- Permezz ta' digriet, maħruġ fis-7 ta' Novembru 2022, l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2022;
- Fis-7 ta' Diċembru 2022, peress li l-atti kienu għadhom mhux notifikati lis-soċjeta konvenuta l-kawża tħalliet għall-21 ta Frar 2022;
- Skond ir-riferta relattiva, iffirmata mill-marixxall Christine Cassar, Georgiev PLP Limited ġiet notifikata b'avviż u digriet fl-14 ta' Diċembru 2022;
- Is-soċjeta konvenuta bagħtet xi korrispondenza dwar dan il-każ direttament lill-Imħallef li kienet qed tippresjedi u għalhekk waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2023 il-Qorti, wara li għamlet dikjarazzjoni f'dan is-sens iddikjarat ukoll li din il-korrispondenza kellha tintbgħat lill-President ta' Malta skont il-liġi.
- F'dik l-istess seduta wara li l-avukati ta' Bortex talbu lill-Qorti sabiex tiddikjara li s-soċjeta konvenuta ġiet debitament notifikata, ma deheritx għall-udjenza u li kwalsiasi korrispondenza mibgħuta mhix risposta valida skont il-liġi, il-kawża ġiet postposta għas-sentenza. Aktar tard dakinhar ingħatat sentenza u l-kawża ġiet deċiża.
- Fil-25 ta' Settembru 2023 is-soċjeta Georgiev PLP Ltd talbet il-ħruġ ta' ċertifikat bl-użu tal-fomola li tidher fl-Anness I tar-Regolament 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummisjoni tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-esekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) u dan sabiex tkun tista tagħmel talba għar-rifjut tar-rikonoxximent; din it-talba intlaqgħet permezz ta' digriet fis-26 ta' Settembru 2023;
- Fil-5 t'Ottubru 2023 s-soċjeta Bortex talbet hi ukoll il-ħruġ ta' ċertifikat bl-użu tal-fomola li tidher fl-Anness I tar-Regolament 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummisjoni tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-esekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) u dan sabiex tkun tista tesegwixxi is-sentenza; b'degriet datat id-9 t'Ottubru 2023 il-Qorti rreferit lil Bortex għaċ-ċertifikat ġia maħruġ fit-28 ta' Settembru 2023;

Illi permezz tas-sentenza mgħotija fil-kawża hawn fuq imsemmija 1037/2022 fl-ismijiet Bortex Clothing Industry Company Limited vs Georgiev PLP Ltd il-Qorti iddeċidiet hekk:

*Rat li s-socjetà intimata debitament notifikata ma nkarigat lil ebda rapprezentant taghha biex jidher ghas-seduta. Lanqas ma giet prezentata ebda nota fir-registru kif trid il-ligi. Rat li t-talba hija gustifikata.*

*Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:*

*1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;*

*2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi s-socjetà intimata hija debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' disgha u Page 4 of 4 erbghin elf tliet mija sitta u erbghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€49,346.79).*

*3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lis-socjetà Georgiev PLP Limited thallas lil Bortex Clothing Industry Company Limited is-somma ta' disgha u erbghin elf tliet mija sitta u erbghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€49,346.79), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.*

*L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjetà intimata.*

Illi minbarra l-atti tal-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, tressqu is-segwenti provi:

- L-affidavit ta' **Elena Petrova Georgieva** bil-lingwa Bulgara u traduzzjoni bl-Ingliż[3]. Petrova Georgieva tgħid li hija l-unuka sid u managing director ta' kumpanija li tuża l-istess uffiċju tas-soċjeta ritrattandi Georgiev PLP OOD pero mhix impjegata ta' Georgiev PLP OOD. Hija tispjega li kienet l-uffiċju fis-17 ta' Lulju 2023 meta impjegat mid-ditta legali Bulgara Yonev Valkov Nenov mar l-uffiċju biex jinnotifikaha b'ittra rigward sentenza tal-21 ta' Frar 2023 deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili bin-numru 1037/2023. Hi spjegat li kkuntatjat lil Petar Georgiev u informawha biex ma taċċettax in-notifika. Fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2024 hija mill-ġdid terġa tikkonferma l-affidavit tagħha bil-ġurament;

- L-affidavit ta' **Plamen Borislavov Georgiev** bil-lingwa Bulgara u traduzzjoni bl-Ingliż[4]. Borislavov Georgiev spjega kif huwa partner u managing director

[3] Traduzzjoni bl-Ingliz a fol 35
[4] Traduzzjoni bl-Ingliz a fol 44

tas-soċjeta' Georgiev PLP OOD. Huwa spjega brevement ir-relazzjoni tal-kumpanija tiegħu ma Bortex. Mbgaħad spjega li huwa informat li fl-14 ta' Diċembru 2022 kienu irċevew notifika tal-kawża 1037/2023 bil-Malti fl-indirizz tal-fabbrika ta' Georgiev. Jispjega li l-avviż tas-smiegħ kien jindika d-data tas-7 ta' Diċembru 2022. Huwa spjega kif wara li għamlu traduzzjoni bagħtu risposta tramite l-avukat Ilina Nikolov lill-*Prim Awla tal-Qorti Ċivili – Onor Imħallef Anna Felice u Court Services Agency Onor Imħallef Anna Felice,* liema korrispondenza waslet fit-2 ta' Jannar 2023. Georgiev ikompli jispjega li minn dakinhar ma semgħa xejn aktar sakemm fis-17 ta' Lulju 2023 Elena Petrova Georgieva li tuża l-istess uffiċju tiegħu, informatu li kien mar impjegat mid-ditta legali Bulgara Yonev Valkov Nenov biex jinnotifikahom b'ittra rigward sentenza tal-21 ta' Frar 2023. Min hemm sar kuntatt mill-ġdid mal-avukat u skoprew li kien hemm sentenza.

**Palmen Georgiev** xehed ukoll waqt l-udjenza miżmuma fis-7 ta' Marzu 2024[5] fejn spjega li huma ġew notifikati bir-rikors li bdew il-proċeduri f'Malta fl-14 ta' Diċembru 2022. Huwa spjega li ġew notifikati fl-indirizz tal-kumpanija. Huwa jgħid li d-dokumenti li rċevew kienu bil-Malti u  biċċiet minnhom bl-Ingliż, pero jgħid ukoll li kien diffiċli għalihom li jagħmlu traduzzjoni mill-Malti. Hu jkompli jgħid li rċevew is-sentenza fis-17 ta' Ġunju u d-dokumenti uffiċjali wasal f'Awwissu u jgħid li dawn id-dokumenti kienu jikkonsistu f'sentenza bil-Malti u talba għall-ħlas bil-Bulgaru. In kontro-eżami huwa kkonferma li rċieva d-dokumenti (tal-kawża) f'Diċembru kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Huwa jispjega li fit-30 ta' Diċembru bagħtu risposta lill-Qorti ta' Malta bid-DHL u ftit wara rċevew konferma li dawn id-dokumenti waslu. Jerġa jgġid li sas-17 ta' Ġunju ma kienux jafu li kien hemm xi xi deċiżjoni

- L-affidavit tal-avukat **Iliya Nikolov Nikolov** bil-lingwa Bulgara u traduzzjoni bl-Ingliż[6]. Nikolov tgħid li hija l-avukat tas-soċjeta Georgiev PLP OOD u li hija ġiet informata li l-klijenti tagħha kienu ġew notifikati b'kawża fil-Qrati Ċivili ta' Malta bin-numru 1037/2022 fl-14 ta' Diċembru 2022 madanakollu s-seduta jidher li kienet skedata għas-7 ta' Diċembru tal-istess xahar. Hija spjegat li l-għada u cioe fil-15 ta' Diċembru 2022 inżammet laqgħa mad-direttur maniġerjali tal-istess kumpanija u hija ġiet inkarigata sabiex tħejji risposta sabiex tiġi ppreżentata fil-Qorti f'Malta. Hija tgħid li ppreparat risposta bil-Malti u bl-Ingliż u bagħhom bid-DHL indirizzati lill-Prim Awla

[5] Fol 88
[6] Traduzzjoni bl-Ingliz a fol 54

tal-Qorti Ċivili, l-Agenzija tas-Servizzi tal-Qrati u lill-imħallef sedenti f'dik il-kawża. Hija tikkonferma li l-korrispondenza waset fl-indirizzi imsemmija fit-2 ta' Jannar 2023. Hija tgħid ukoll kif fis-17 ta' Lulju 2023 ġiet iformata minn Plamen Georgiev li hemm sentenza kontra Georgiev PLP OOD u li hija kkonfermat dan meta fittxet fuq l-internet ftit jiem wara, probabbilment fil-21 ta' Lulju. Hija tispjega ukoll kif f'Awwissu tal-istess sena 2023 kien sar kuntatt magħha mill-Avukat Tedor Nenov li kien qed jirrappreżenta lil Bortex ġewwa l-Bulgarija fejn kellimha dwar l-infurzar tas-sentenza. Hija kkonfermat mill-ġdid l-affidavit tagħha fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2024[7].

- Kopja tar-riferta postali konċernanti n-notifika uffiċjali ġewwa l-Bulgarija tas-sentenza mertu tal-kawża u traduzzjoni tal-istess riferta bl-Ingliż. L-istess riferta turi d-data tat-23 ta' Awwissu 2023[8].

- Il-Marixxall **Christine Cassar** xehedet fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2024[9] xehedet li hija kienet responsabbli li tibgħat l-atti bil-posta għan notifika. Hija spjegat li jkollha ordinijiet mir-reġistru u tesegwihom. Hija preżentat kopja tar-riferta tal-Matapost, hekk imsejħa 'organge card'[10]. In kontro-eżami hija spjegat li tkun bagħtet il-pakkett kollu li jkun ġie ppreżentat il-Qorti. Hija tgħid ukoll li giljottini ma tantx ikolla biex tibgħat għal barra minn Malta pero ġieli tiġi mitluba tibgħat.

- L-assistent reġistratur **Karen Falzon** xehedet fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2024[11]. Hija tispjega li s-sistema tal-'organge card' tintuża meta tintbgħat notifika barra minn Malta. Hija tgħid li s-sistema li jaħdmu biha hija li n-notifiki għal-barra minn Malta joħorġu awtomatikament bil-posta, pero meta xi parti tkun trid li jintuża l-Courier, tagħmel rikors u hemmhekk ikunu jeħtieġu ordni tal-Qorti. Hija tgħid li l-annexes jimtlew mid-deputat tal-Awla għalkemm meta mistoqsija mill-ġdid tgħid li jimtlew mill-avukat. Hija tikkonferma ukoll li jekk jimtlew xi annexes dawn se jirriżultaw mill-proċess.

Illi minbarra dawn il-provi minn dikjarazzjonijiet magħmula rispettivament mill-avukati tal-kontendenti fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2024[12] jirriżulta li mhux kontestat li:

---

7 Depożizzjoni fol 86
8 Dok H fol 58/59
9 Fol 108
10 Dok CC1 a fol 113
11 Fol 116
12 Fol 104/105

- is-soċjeta Bortex Clothing Industry Company Limited m'għamlitx rikors speċifiku għal notifika barra minn Malta tas-soċjeta ritrattandi konvenuta fil-kawża numru 1037/2022; u
- is-soċjeta Georgiev PLP Ltd irċeviet ir-rikors promotur tal-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

Ikkunsidrat

Illi dwar l-proċedura tar-ritrattazjoni huwa ben stabbilit fil-ġuisprudenza li:

> *13. ... ...f'każijiet fejn jintalab it tħassir ta' sentenza li ttemm kwestjoni u s-smigħ mill-ġdid tal każ, ir-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabbiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija (App. Ċiv. 12.3.2019 fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tas-Saħħa Pubblika et****). Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl istadju in rescindente din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mill ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;*
>
> *14. Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi (App. Ċiv. 7.3.1996 fil-kawża fl-ismijiet* ***Causon v. Portelli noe et*** *(Kollez. Vol: LXXX.ii.464). Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li res judicata pro veritate habetur;*
>
> *15. Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li, taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, il-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal*

*konsiderazzjonijiet diġa` magħmulin mill-Qorti fis sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl Artikolu 811 tal-Kodiċi (App. Inf. PS 20.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Catherine Caruana et. v. Anna Schembri et)***[13]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Causon vs Carmel Portelli noe et** li srate referenza għaliha bl-bran appemna ċitata l-Qorti tal-Appell qalet ukoll li:

*Il-ġurisprudenza tagħna kostantament irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazjoni huwa wieħed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga għall-prinċipji fondamentali li l-ġudikat jikkostitwixxi liġi bejn il-kontendenti, u dan indipendentament mill-fatt jekk dak il-ġudikat jirrispekkjax kompletament il-verita' jew il-ġustizzja. Il-ġuristi Rumani kienu jesprimu dan il-konċett bil-massima res judicata pro veritate habetur. Dan il-prinċipju ġie spjegat tant tajjeb fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-3 ta' April 1922 fil-kawża fl-ismijiet* ***Giuseppe Luigi Bonnici versus Dottor Carlo Galea Naudi*** *(Koll. Vol. XXV – I – 137) u ċċitata reċentement b'approvazjoni minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Dottor Austin Bencini nomine vs Dottor Remigio Zammit Pace****:*

> *"qui pero' si e' in tema di ritrattazione, e tale rimedio non si da' per qualunque caso di vera o sopposta ingustizia, di vero o supposto errore di fatto o do diritto, ma solo in quei casi tassattivamente stabiliti dalla legge dovendo in ogni caso prevalare la stabilta del giudicato che sola puo mettere fine alle liti, poiche l' autorita della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile"*

*Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazjoni huma ta' interpretazzjoni strettisima (Koll. Vol. XXVII– I– 818), Diversament, taħt il-pretest ta' ritrattazjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista jerġa jiftaħ il-kawża u hekk indirettament joħloq għalih tribunal tat-tielet istanza (Koll. Vol. XLIII – I – 227) ħaġa li mhix permess mil-liġi;*

---
[13] **Paul Piscopo et vs Kontrollur tad-Dwana:** Appell Superjuri, 15 ta' Frar 2022:

Ikkunsidrat

Illi l-każ odjern huwa msejjes fuq ir-raġuni provduta f'subinċiż (b) tal-artikolu 811 li jipprovdi li wieħed jista jitlob li wieħed jista jitlob li sentenza tiġi imħassra u kawża tiġi ritrattata:

> *jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;*

Illi talba skont din id-dispożizzjoni għandha ssir fi żmien tlett xhur *mill-ġurnata li fiha l-attur ikun ġie jaf bis-sentenza*[14].

Illi s-soċjeta ritrattandi, Georgiev, tallega li hija ma ġietx validament notifikata bil-kawża imsemmija, għaliex hija ġiet notifikata bil-posta meta l-artikolu 169A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirrikjedi li notifika ta' rikors ġuramentat preżentata ai fini tal-artikolu 167, flimkien mal-avviż tas-smigħ, għandhom jiġu notifikati minn uffiċjal eżekutur tal-qrati. Hija tgħid ukoll li Bortex ma setgħetx tiprevalixxi ruħha mill-artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (minn issa msejjaħ "Regolament 2020/1748") għaliex dan ir-Regolament huwa applikabbli għan-notifiki f'proċeduri ċivili u kummerċjali ġenerali u mhux għall-proċeduri speċjali fosthom l-proċedura tal-giljottina kontemplata fl-artikolu 167 et seq. Is-soċjeta ritrattandi tipprova issaħħah dan l-arġument billi tgħid li Bortex kellha tressaq il-pretensjoni tagħha billi tirrikorri għall-proċedura (inkluż dik dwar notifika) stipultata fir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea (minn issa imsejjaħ "Regolament 1896/2006"), għaliex huwa dan ir-Regolament li jipprovdi speċifikatament għall-proċeduri bħal dawk kontemplati fl-artikolu 176 meta l-kontendenti jkun jirrisjedu f' Stati Membri differenti. Is-soċjeta ritrattandi tallega ukoll li kien biss fis-17 ta' Lulju 2023 li hija saret taf bis-sentenza mgħotija fil-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni meta sar tentattiv minn Bortex biex tottjeni ħlas in eżekuzzjoni tas-sentenza.

[14] Ref artikolu 818(1)(b) tal-Kap 12.

Illi s-soċjeta ritrattata da parti tagħha tinsisti li r-ritrattandi, Georgiev, ġiet validament notifikata; hija tgħid ukoll li r-rikors ġuramenatat odjern ġie ppreżentat fuori termine u dan stante li ladraba s-oċjeta ritrattat kienet validament notifikata bil-kawża messa ħadet inizjattiva u nfurmat ruħha b'dak li qed jiġri fil-kawża b;mos li fid-data li ġie preżentata ir-rikors odjern kienu għaddew aktar minn tlett xhur minn meta saret taf jew messha saret taf bis-sentenza (mogħtija fil-21 ta' Frar 2023).

Illi ladarba l-eċċezzjoni tad-dekandenza kif interposta mir-ritrattata hija marbuta ma, u sa certu punt dipendenti fuq, l-allegazzjoni li la darba s-soċjeta ritratta kienet validament notifikata bil-kawża l-Qorti neċessarjament ser ikollha l-ewwel tikkunsidra jekk is-soċjeta ritrattandi kinitx validament notifikata jew le.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jingħad li s-soċjeta ritrattandi hija żbaljata meta tgħid li Bortex kellha tirrikorri għall-proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea skond ir-Regolament 1896/2006 u allura anke għall-metodu ta' notifika hemm stipulata.

Illi permezz ta' dan ir-Regolament inħolqot proċedura applikabbli għall-dawk il-każijiet ta' dejn ċert, simili għal dawk regolati bl-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema proċedura tista' tkun applikata fl-Istati Membri kollha. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li *jissimplifika, iħaffef u jnaqqas l-ispejjeż ta' litigazzjoni f'każijiet transkonfinali fir-rigward ta' talbiet mhux kontestati ta' flus*[15]. L-istess Regolament jipprovdi ukoll għal metodu ta' notifika ta' dokumenti meta tiġi adoperatat l-proċedura maħluqa permezz ta' dak ir-Regolament.

Illi pero *il-proċedura stabbilita b'dan ir-Regolament għandha sservi ta'* ***mezz addizzjonali u fakultattiv għal pretendent, li jibqa' liberu li jirrikorri għal proċedura prevista fil-liġi nazzjonali****. Għaldaqstant, dan ir-Regolament la jissostitwixxi u lanqas jarmonizza l-mekkaniżmi eżistenti għall-irkupru ta' talbiet mhux ikkontestati taħt il-liġi nazzjonali*[16]. Dan huwa rifless fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament li jipprovdi li:

[15] Ref artikolu 1(1)
[16] Preambolu numru 10; l-enfasi hija tal-Qorti.

> *Dan ir-Regolament m' għandux iżomm pretendent milli jsegwi talba fis-sens ta' l-Artikolu 4 billi **jagħmel użu minn proċedura oħra disponibbli taħt il-liġi ta' Stat Membru jew taħt il-liġi Komunitarja.**[17]*

Illi aktar minn hekk fil-**Practice Guide for the Application of the Regulation on the European Order for Payment** huwa konfermat li:

> *The EOP procedure is optional, to the extent that it is up to the claimant to chose to use it rather than any of the other available ways in which the same claim could be made.*

Illi minn dan għandu jkun ċar li s-soċjeta ritrattata ma kenitx obbligata tressaq il-pretensjoni tagħha fil-konfront tar-rittrattandi billi tutilizza l-proċedura għall-ordni ta' ħlas Ewropea stipulata fir-Regolament 1896/2006 imma kienet libera li tressaq il-pretensjoni tagħha skont l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12.

Ikkunsidrat

Illi dan stabbilit, u ladarba Georgiev hija soċjeta reġistrata u b'indirizz reġistrat ġewwa l-Bulgarija, għandu jkun ċar ukoll li Bortex ma setgħetx twettaq in-notifika lil Georgiev bl-idejn permezz tal-Marixxali skond l-artikolu 196A tal-Kap 12.

Illi f'dan ix-xenarju Bortex irrikorriet għar-Regolament 2020/1748 li fit-Taqsima 2 intitolata "*mezzi oħra ta' trażmissjoni u notifika ta' dokumenti ġudizzjarji*' permezz tal-artikolu 18 tipprovdi li:

> *In-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji tista' ssir direttament bis-servizzi postali lil persuni preżenti fi Stat Membru ieħor permezz ta' ittra rreġistrata b'konferma tar-riċevuta jew l-ekwivalenti.*

Illi skont l-artikolu 1 tiegħu dan ir-Regolament 2020/1748 *japplika għan-notifika transfruntiera ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali. **Dan ma japplikax, b'mod partikolari, għal materji fiskali, doganali jew amministrattivi jew għar-responsabbiltà ta' Stat Membru għal atti jew ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat*** *(acta iure imperii)*[18].

[17] L-enfasi hija tal-Qorti.
[18] L-denfasi hija tal-Qorti.

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa ċar li, f'nuqqas ta' xi provvediment ieħor fir-rigward, dan ir-Regolament japplika b'mod ġenerali għan-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji f'kull materja ċivili jew kummerċjali hlif għal dawk il-proċeduri esklużi mill-applikazzjoni tiegħu b'mod speċifiku fl-istess artikolu 1 u ċioe materji fiskali, doganali, jew acta iure imperii. La darba ir-Regolament 2020/1748 m'eskludiex mill-applikazzjoni tiegħu l-proċeduri speċjali bħal dawk kontemplati fl-arrtikolu 167 tal-Kap 12, li huma materji ċivili fis-sinifikat tal-artikolu 1 tar-Regolament, allura r-Regolament 2020/1748 għamdu japplika għan-notifika ta' rikors ġuramentat preżentata skont l-artikolu 167 tal-Kap 12.

Illi kwalunkwe dubbju fir-rigward għandu jiġi mxejjen b'referenza għar-Regolament 1896/2006 fuq imsemmi. Kif intqal dan ir-Regolament li jirregola proċeduri simili għal dawk kontemplatai fl-artikolu 167 tal-Kap 12 ma jżommx lill-kreditur milli *jsegwi talba fis-sens ta' l-Artikolu 4 billi* ***jagħmel użu minn proċedura oħra disponibbli taħt il-liġi ta' Stat Membru jew taħt il-liġi Komunitarja.***

Ikkunsidrat

Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li l-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u d-disposizzjonijiet relattivi dwar in-notifiki ta' atti għandhom jigu osservati b'mod rigoruz.

> *U dan hu veru ghaliex kif ritenut minn zmien antik, id-disposizzjonijiet tal procedura ghandhom jigu "osservati alla lettera e non per equipollens" (Kollez. Vol. XVII P I p 879). Fil-kaz tan notifika ta' atti promoturi tal-kawza dan il-principju jircievi aktar qawwa in kwantu skop tal-ligi hu dak li c-citat isir xjenti ta' l-azzjoni;*[19]

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li n-notifka, tar-rikors u l-avviż ta' smigħ tal-proeċeduri tentati minn Bortex, lir-ritrattandi Georgiev saret bil-post reġistrata kif jitlob ir-Regolament 2020/1748. L-artikolu 18 ma jimponiex xi regoli partikolari dwar in-notifika hemm kontemplata ħlif li ssir permezz ta' posta reġistrata b'konferma tar-riċevuta.

[19] **Martin Chetcuti vs Hafida Mimi** Appell Inferjuri 30 ta' Jannar 2009

Illi aktar minn hekk mill-atti proċesswali jirriżulta ampjament mhux biss li d-dokumenti indiriżżati lir-ritrattandi intbagħtu bil-posta registrata b'konferma tar-riċevuta mill-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti, imma jirriżulta ampjament ukoll li d-dokumenti fil-fatt waslu għand ir-rirtrattandi fl-14 ta' Diċembru 2022. Dan mhux biss mill-kopja kopja tar-riferta tal-Maltapost, hekk imsejħa '*organge card*' imma anke mill-ammissjoni ta'l-istess ritrattandi peremzz tax-xhieda ta' Plamen Georgiev, direttur tas-soċjeta ritrattandi, u Iliya Nikolov Nikolov, l-avukat minnu inkarigata. Dawn iż-żewġ persuni kkonfermaw mhux biss li r-ritrattandi rċiviet ir-rikors ġuramentat u l-avviz tas-smigħ kemm bil-lingwa Maltija u dik Ingliża. imma anke huma fehmu x'kienu dawk id-dokumenti tant li wara laqgħa miżmuma bejn Plamen Georgiev u l-avukat Nikolov, Nikolov pruvat hi stess, mingħajr ma titlob l-assistenza ta' xi avukat Malti, tirrispondi għal dak ir-rikors ġuramentata. Jirriżulta ukoll pero li dik "ir-risposta" tagħha ma kenitx konformi mal-Liġi Maltija stante li ħadet il-forma ta' ittra indirizzata personalment lill-Imħallef li kienet qed tippressjedi l-kawża.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistgħax jingħad li kien hemm xi irregolarita jew invalidita fil-mod kif saret in-notifika. Aktar minn hekk huwa fattwalment stabbilit li n-notifika effettvament twettqet billi ngħatat kopja bil-Malti u bl-Ingliż, tar-rikors ġuramentat u tal-avviż tas-smigħ lir-ritrattandi.

Ikkunsidrat

Illi kif intqal azzjoni skont l-artikolu 811(b) tal-Kap 12 għandha tinġieb fi żmien tlett xhur minn meta r-ritrattandi jsir jaf bis-sentenza.

Illi dwar din id-dispożizzjoni ntqal li:

> *Issa l-Artikolu 818 (1) sub-paragrafu (b) jiddisponi illi "z zmien illi fih tista' ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jghodd, fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (b)(Art 811), mill-gurnata li fiha l-attur ikun gie jaf bis sentenza".*
>
> *"Provvediment dan illi jfisser kjarament illi kull ma jenhtieg biex jibda jiddekorri t-terminu huwa li l-attur ikun gie a konoxxenza tal-fatt li inghatat is-sentenza.* ***L-ebda formalita` ma hija mehtiega biex jigi kostatat il-fatt ta' konoxxenza ta' l-attur ta' l-ezistenza ta' din is-sentenza. Dan il-fatt jista' jigi arguwit u dezunt mill-provi u***

> ***cirkostanzi li jnisslu fil-gudikant il-konvinciment li l-attur kien jaf*** *jew li hu ma setghax ikun qed jitlob ir-ritrattazzjoni fil-mument meta l-provi hekk juru" - "**Joseph Mangion et –vs- Joseph Cassar**", Appell, 27 ta' April 1999.* [20]

Illi fil-każ in eżami s-soċjeta ritrattandi ġiet validament notifikata bl-atti ta' kawża li l-ewwel talba fiha kienet biex il-Qorti tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ. Mill-provi proċesswali jidher li Georgiev fehemt l-urġenza tal-każ tant li żammet laqgħa mal-avukat tagħha l-ghada li rċieviet r-rikors ġuramantat u anke ntbagħtet ittra lill-Imħallef. Dan il-kwadru ta' fatti, b'mod partikolari l-għarfien da parti tas-soċjeta ritrattandi li l-Qorti kienet qed tintalab tiddeċiedi l-kawża mingħajr smigħ, ma jnissilx fil-Qorti il-konvinċiment, mqarr fuq bażi ta' probabilta, li kien biss f'Lulju 2023 u mhux qabel li  s-soċjeta ritrattandi saret taf bis-sentenza.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta ritrattata Bortex Clothing Industry Company Limited, konsegwentement tiċħad it-talbiet tas-soċjeta ritrattandi Georgiev PLP Ltd, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[20] **Said International Limited vs MAC Limited**: Appell Inferjuri,7 ta' Lulju 2003; l-enfasi hija ta' din il-Qorti